

l-aproċċ wassal lill-Kummissjoni sabiex tiċħad b'mod żbaljat ċertu nfiq dirett tal-persunal u sabiex twettaq ċerti aġġustamenti, li dehru permezz tal-ammont riċevibbli kkon-testat;

- fuq l-evalwazzjoni żbaljata tal-Provvediment għal Telf ta' Impieg (PTI) fid-dawl tal-kriterji previsti mill-Artikoli II.19.1, II.19.2.c u II.20 tal-Kundizzjonijiet ġenerali tal-Kuntratt EURO-THYMAIDE, ġaladarba, bil-kontra tal-isem qarrieqi tiegħu, il-PTI huwa nfiq tal-persunal marbut mal-assigurazzjoni kontra l-qgħad li ma jistax jinfired mill-infiq eliġibbli tal-persunal. Billi ċaħdet infiq eliġibbli, peress li l-ammonti jikkorrispondu għall-PTI miġbur fuq ir-remunerazzjoni tal-persunal temporanju tas-CNRS involut fil-Proġett, il-Kummissjoni kisret it-termini msemmija hawn fuq;
- fuq l-evalwazzjoni manifestament żbaljata tas-salarji tal-leave tal-mard fid-dawl tal-kriterji ta' eliġibbiltà previsti fuq bażi kuntrattwali, sa fejn il-Kummissjoni, bil-kontra tal-Artikolu 11.19 tal-Kundizzjonijiet ġenerali tal-Kuntratt EURO-THYMAIDE, żiedet is-salarji mhalla lill-persunal tas-CNRS involut fil-proġett matul il-leave tal-mard mal-infiq li muhuwiex eliġibbli.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2009 — Centre national de la recherche scientifique vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-449/09)

(2010/C 24/100)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Centre national de la recherche scientifique (Pariġi, Franza) (rappreżentant: N. Lenoir, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrent

- tiddikjara r-rikors bħala ammissibbli u fondat;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għar-rifużjoni tal-allegat ammont riċevibbli ta' EUR 97 399,55 mitlub mill-Kummissjoni skont il-kuntratt fin-nota ta' debitu tagħha Nru 3230906573, tas-6 ta' Lulju 2009, u li ta lok għall-att ta' tpaċċija tat-28 ta' Awwissu 2009 (referenza BUDG/C3 D2009 10.5 — 1232), miżjud bl-interessi moratorji bir-rata legali, skont id-dritt Belġian applikabbli għall-kuntratt;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

B'dan ir-rikors, is-Centre national de la recherche scientifique (CNRS) jitlob li l-Qorti tal-Prim'Istanza tikkundanna lill-Kummissjoni għar-rifużjoni tal-ammont riċevibbli ta' EUR 97 399,55, kif jinsab fin-nota ta' debitu Nru 3230906573, tas-6 ta' Lulju 2009, allegatament dovut mir-rikorrent, skont il-Kuntratt NEMAGENETAG dwar proġett tas-sitt programm-qafas ta' riċerka u ta' żvilupp teknoloġiku, u li ta lok għall-att ta' tpaċċija tat-28 ta' Awwissu 2009, kif ukoll għall-ħlas tal-interessi moratorji.

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent iressaq żewġ motivi bbażati:

- fuq in-nonosseranza tal-kriterji ta' definizzjoni u ta' ġustifikazzjoni tal-infiq eliġibbli previsti mill-Kuntratt NEMAGENETAG u tal-prinċipju ta' bona fide fl-eżekuzzjoni tal-ftehim, li llimita, u f-xi każijiet, ċaħħad lis-CNRS, mill-possibbiltà li iressaq il-prova ta' eżekuzzjoni tajba tal-kuntratt;
- fuq l-evalwazzjoni żbaljata tal-Provvediment għal Telf ta' Impieg (PTI) fid-dawl tal-kriterji previsti mill-Artikoli II.19.1, II.19.2.c u II.20 tal-Kundizzjonijiet ġenerali tal-Kuntratt NEMAGENETAG, għaliex, bil-kontra tal-isem qarrieqi tiegħu, il-PTI huwa nfiq tal-persunal marbut mal-assigurazzjoni kontra l-qgħad li ma jistax jinfired mill-infiq eliġibbli tal-persunal. Billi ċaħdet infiġq eliġibbli, peress li l-ammonti jikkorrispondu għall-PTI miġbur fuq ir-remunerazzjoni tal-persunal temporanju tas-CNRS involut fil-Proġett NEMAGENETAG, il-Kummissjoni kisret it-termini msemmija hawn fuq.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2009 — Wind vs UASI — Sanyang Industry (Wind)

(Kawża T-451/09)

(2010/C 24/101)

Lingwa tar-rikors: L-Inglijz

Partijiet

Rikorrent: Harry Wind (Selfkant, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Sroka, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Sanyang Industry Co. Ltd (Hsinchu, it-Tajwan)